MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-23 ta' Dicembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 177/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Borg**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmel Borg talli fit-18 ta' Gunju, 2003 ghall-habta tal-kwarta ta' wara nofs in-nhar, waqt li kien fi Triq il-Kbira, B'Kara, (**1**) bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Joan Borg weggaghha bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor; u aktar (**2**) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi meta ordnat mill-Qorti b'digriet tas-Sekond Awla nru 1972/02 mahrug fil-5 ta' Gunju, 2003 biex jaghti access lill-wild minuri taht il-kustodja tieghu irrifjuta li jaghmel hekk minghajr raguni valida;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta' Settembru, 2003 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-

imsemmi Carmel Borg hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu multa ta’ hamsin lira (Lm50);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Carmel Borg, minnu ppresentat fis-7 ta' Ottubru, 2003 li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza jew, alternattivament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-19 ta’ Dicembru, 2003; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu, bazikament, zewg aggravji, wiehed fil-meritu u l-iehor dwar il-piena. Fil-meritu l-appellant jikkontendi in sostanza li l-ewwel qorti sabitu hati hazin fuq il-fatti kif irrizultaw mill-provi. Dwar il-piena l-appellant jilmenta li minhabba nuqqas ta’ “motivazzjoni” fis-sentenza appellata da parti ta’ l-ewwel qorti, ma hux car x’piena kellha tigi applikat, cioe` jekk hux il-piena tal-multa skond l-Artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali jew il-piena ghall-kontravvenzjonijiet skond is-subartikolu (2) ta’ l-imsemmi artikolu.

Kwantu ghall-ewwel aggravju, cioe` dak fil-meritu, din il-Qorti tosserva li quddiem l-ewwel qorti ma giet ezibita ebda kopja ta’ xi digriet li jitkellem dwar access ghal xi minuri. Din il-Qorti, ghalhekk, issibha difficli tifhem kif l-ewwel qorti setghet sabet lill-appellant, allura imputat, hati skond it-tieni imputazzjoni. Ghal dak li jirrigwarda, pero`, l-ewwel imputazzjoni, din tirrizulta sodisfacentement pruvata mid-deposizzjoni kemm ta’ Joan Borg (mart l-appellant) kif ukoll ta’ WPC Josianne Buttigieg, u dan fit-termini ta’ l-Artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond it-tieni imputazzjoni, mil-liema imputazzjoni qed tilliberah; thassarha u torrevokaha wkoll f’dik il-parti fejn ikkundannatu multa ta’ hamsin lira u minflok tikkundannah multa ta’ hamsa w ghoxrin lira (Lm25), konvertibbli f’hamest ijiem prigunerija f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi; u tkkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------